# STATUT




# GĦAQDA "STILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ"

Kurja Ġeneralizja - 2007

CONGREGAZIONE
PER GLI ISTITUTI DI VITA CONSACRATA
E LE SOCIETÀ DI VITA APOSTOLICA

**Prot. n. G 31-1/2006**

# DECRETO

L'Associazione "Stelle del Sacro Cuore", aggregata alla Congregazione delle Suore Francescane del Cuore di Gesù, con Casa Generalizia in Santa Maria delle Mole, Diocesi di Albano, è una Associazione Pubblica di Fedeli che desidera partecipare al carisma della Congregazione delle Suore Francescane del Cuore di Gesù, adattandolo alla vita dei suoi membri.

Sensibili alla chiamata della Chiesa, pur vivendo nel mondo, i membri dell'Associazione condividono l'ideale vissuto dalla Serva di Dio Margherita De Brincat e la missione apostolica della summenzionata Congregazione.

Questa Congregazione per gli Istituti di vita consacrata e le Società di vita apostolica, esaminati attentamente la domanda e il testo degli Statuti, con il presente Decreto dichiara la suddetta Associazione opera propria della Congregazione delle Suore Francescane del Cuore di Gesù

Questo Dicastero dispone inoltre che l'erezione della suddetta Associazione e l'approvazione degli Statuti siano di Competenza del Consiglio Generale. Le successive modifiche di detti Statuti sono di competenza del Capitolo Generale della Congregazione delle Suore del Cuore di Gesù, con l'obbligo di informarne la Santa Sede.

Nonostante qualsiasi cosa in contrario.

Vaticano, 10 gennaio 2007.

+ Gianfranco A. Gardin, ofm conv.
Segr.

Enrica Rosanna fma
S. Segr.

KONGREGAZZJONI
GHALL-ISTITUTI TA' HAJJA KKONSAGRATA
U S-SOCJETAJIET TA' HAJJA APPOSTOLIKA

**Prot. n. G 31-$^{1}$/2OO6**

**D I G R I E T**

Ghaqda "Stilel tal-Qalb ta' Gesù", aggregata mal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù, li ghandhom il-Kurja Generalizja taghhom f'Santa Maria delle Mole, Djocesi ta' Albano, hija Ghaqda Pubblika ta' Insara li jixtiequ jiehdu sehem fil-karizma tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù, billi jaddottaw din il-karizma ghall-hajja tal-membri taghha.

Filwaqt li jaghrfu s-sejha tal-Knisja, l-membri ta' din l-Ghaqda, bhala lajci, jghixu l-ideal li ghexet il-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat u l-missjoni appostolika ta' l-istess Kongregazzjoni.

Din il-Kongregazzjoni ghall-Istituti ta' Hajja Kkonsagrata u s-Socjetajiet ta' hajja appostolika, wara li ezaminat tajjeb it-talba u t-test ta' l-iStatuti, tiddikjara permezz ta' dan id-Digriet, li l-imsemmija Ghaqda, hi hidma proprja tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù.

Barra minn hekk, dan id-Dikasteru jiddisponi li t-twaqqif ta' l-imsemmija Ghaqda u l-approvazzjoni ta' l-iStatuti huma responsabbiltà tal-Kunsill Generali. Kull tibdil ta' l-imsemmija Statuti huma fir-responsabbiltà tal-Kapitlu Generali tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù, bid-dmir li jaghrfu b'dan lis-Santa Sede.

U dan bla ma xejn jista' jkun kontrih.

Vatikan, 10 ta' Jannar, 2007.

+ Gianfranco A. Gardin, ofm conv.
Segretarju

Enrica Rosanna fma
S. Segretarju

Lill-Membri tal-Gruppi Lokali
***ta' l-Ghaqda "Stilel tal-Qalb ta' Gesù"***

**Preżentazzjoni ta' l-*iStatut* tal-Ghaqda**

Gheżież Membri,

B'ferh u b'qalb rikonoxxenti lejn Alla li minnu jigi kull gid, nippreżentalkom l-iStatut tal-Ghaqda tal- "Istilel tal-Qalb ta' ***G***esù. Wara studju fit-tul, u wara l-ewwel approvazzjoni fi hdan il-Kapitlu ***G***enerali li gie ccelebrat fix-xahar ta' Lulju 2006 fid-dar Generalizja, Santa Maria delle Mole f'Ruma, fil-preżenza u bis-sehem siewi tal-Professur tad-Dritt Kanoniku, Don Sabino Ardito SdB u tad-Dottoressa Monica Candrilli, avukatessa u nisranija prattikanti, gie approvat definittivament mis-Santa Sede bid-Digriet mahrug fl-10 ta' Jannar 2007. Fih gie ddikjarat li, wara e*żami bir-reqqa tat-talba mressqa mis-sottoskritta u tat-test ta' l-iStatut, l-imsemmijja Ghaqda pubblika ta' Insara, hija hidma proprja tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù.*

*Fl-iStatut l-ghanijiet tal-Ghaqda huma mfissra tajjeb: b'mod specjali t-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Qalb Ewkaristika ta' Gesù. Dan jitlob minnkom il-lajci, li timpenjaw ruhkom fil-Knisja, kif hemm miktub fl-istess Statut, biex l-aqwa Imhabba tkun maghrufa u mahbuba u, il-mod kif tghixu l-hajja taghkom ta' kuljum fi qbil mall-Vangelu, isir ghotja ta' mhabba ghal Dak li ta lilu nnifsu ghalina. Qed nirriferu ghall-appostolat u ghall-kollaborazzjoni mal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù, li minnha l-Ghaqda giet ispirata fil-bidu taghha. Taghmel taghha l-ideal Frangiskan mibni fuq l-'Imhabba', l-'Adorazzjoni' u r-'Riparazzjoni', li huma l-kolonni li fuqhom waqqfet il-bini taghha spiritwali, il-Qaddejja ta'Alla, Madre Margerita De Brincat, Fundatrici tal-Kongregazzjoni, flimkien ma' Dun Gużepp Diacono. Il-Kariżma eccezjonali u l-eżempju dejjem attwali taghhom ghandhom ikunu punt ta' referenza bla taqta' u ta' eżempju, ghall-membri tal-Ghaqda.*

Nitolbukom li tilqghu dan l-iStatut bhala don ta'Alla, filwaqt li nassigurakom li ser tkunu mghejjuna mir-Rappre*żentanti taghna, li ser jaghtukom tifsira cara tal-kontenut tieghu, u ta' dak li ser tkun ir-responsabbiltà taghkom bhala Membri.*

*Irroddilkom hajr ghax-xewqa u ghall-impenn taghkom li tkomplu maghna l-mixja lejn il-qdusija, billi taghtu widen ghas-sejha mqanqla li Madre Margerita, taghmlilna biex infittxu naghrfu l-'Imhabba' b'tali mod li jkun mahbub kull fejn tkunu, u minn kulhadd.*

*Jiena certa li meta Madre Margerita tara lilkom il-lajci, hekk imheggin li xxerdu flimkien maghna l-kariżma tal-Kongregazzjoni taghna, tbierek mis-sema din l-opra li hi hekk ghal qalbha. Hija tghinkom biex tilqghu din il-kariżma bil-qalb kollha, biex tkunu fid-dinja, dawl iheggeg fuq l-imnara, halli ddawwlu lil dawk kollha li tiltaqghu maghhom, fil-mixja taghkom ta' kuljum.*

Moghtija llum, fil-Kurja *Generalizja, Santa Maria delle Mole, Ruma*
*15 ta' Gunju 2007*
*Solennità tal-Qalb Qaddisa ta' Gesù.*



*Sr. M. Anselmina Mifsud*
Superjura *Generali*

GHAQDA "STILEL TAL-QALB TA' GESÙ"
**STATUT**

## I. Identità u Missjoni

**1**. L-Assocjazzjoni ta' l-Istilel tal-Qalb ta' Gesù hija maghmula minn fidili lajci ta' kull qaghda socjali u kulturali li jridu jghixu bis-shih il-Vangelu u li jridu li jkollhom sehem fil-missjoni tal-Knisja, skond il-progett appostoliku kif imnebbha minn Dun Gużepp Diacono u mill-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat, Fundaturi tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù.

Filwaqt li jiehdu sehem mill-kariżma tal-fundazzjoni tal-Kongregazzjoni, il-Membri jaqsmu wkoll mill-ispiritwalità Frangiskana u, f'ghaqda shiha maghha, jimpenjaw ruhhom li jghixuha bis-shih fil-hajja taghhom bhala lajci permezz tal-prattika ta' mhabba herqana lejn il-Qalb ta' Gesù fl-Ewkaristija.

**2.** Kif il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù, hekk ukoll l-Assocjazzjoni tqis il-bidu taghha mill-ewwel Kuruna tat-Tnax - il Stilla tal-Qalb ta' Gesù, imwaqqfa fl-1877 minn P. Pietro Digiorgi[1] u li giet imsahha taht it-tmexxija ta' Dun Gużepp Diacono[2]. Mit-8 ta' Dicembru 1877 kienet "Stilla" minnhom li tiddi, ż-żaghzugha Virginia De Brincat, li fl-20 ta' Frar 1881 hadet il-libsa religjuża u l-isem ta' Maestra Virginia tal-Beata Margerita fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù li kienet ghadha kemm nibtet minn dik il-"Kuruna ta' Stilel". Nhar it-8 ta' Dicembru 1887 ghamlet il-professjoni perpetwa u gie moghti lilha mill-Isqof. Mons. Pietro Pace l-isem ta' *Suor Margherita del Sacro Cuore*. Wara li ghaddiet minn żmien iebes, fl-1889 giet maghzula bhala l-ewwel Superjura Generali.

**3.** Fil-Knisja l-Ghaqda ta' l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù hija approvata mis-Sede Appostolika[3], bhala Ghaqda Pubblika ta' fidili u tiehu sehem mill-wirt spiritwali tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù[4].

Il-membri taghha jiehdu sehem attiv fil-missjoni taghha f'isem il-Knisja, maghqudin mal-Kongregazzjoni taht is-setgha tas-Superjura Generali, fi spirtu ta' fedeltà mar-Rghajja u f'kollaborazzjoni ma' ghaqdiet ohra tal-Knisja li ghandhom bhala ghan ewlieni taghhom l-appostolat.

L-Ghaqda ta' l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù, li tgawdi mill-personalità guridika ekklesjastika pubblika[5], ghandha s-sede taghha fil-Dar Generalizja tal-Kongregazzjoni, li tinsab –Via Edmondo De Amicis, 18 – Santa Maria delle Mole, Marino – Roma.

## II. Finalità u Ghanijiet

**4.** L-iStilel tal-Qalb ta' Gesù, li nebbhu l-bidu l-Kongregazzjoni u l-kariżma taghha, bil-hsieb li flimkien jidhlu ghall-hidma appostolika taghha, jimpenjaw ruhhom li jkunu xhieda

---

[1] Twieled Milazzo (Messina) fil-31 ta' Lulju 1834 u miet fil-25 ta' Jannar 1893.

[2] Twieled ir-Rabat (Ghawdex) fis-16 ta' Awissu 1847 u miet fit-22 ta' Lulju 1924.

[3] Digriet imholli mis-Sede Appostolika, Prot. N. G 31/2006 ta' 10 ta' Jannar 2007

fid-dinja ta' l-imhabba ta' Alla, biex ixerrdu d-devozzjoni lejn "Il-Qalb Ewkaristika" ta' Gesù, filwaqt li jilqghu l-istedina ta' Madre Margerita ta' "inhobbu l-Imhabba, mhux mahbuba, ghax mhix maghrufa", bla dubju mnebbha u msahha mill-hsieb ta' San Frangisk ta' Assisi: "Ghandna nhobbu hafna l-Imhabba ta' Dak li habbna hafna"[6].

L-Ispirtu li jheggeg 'il-Membri jista' jingabar fil-qosor hekk: "billi juru gratitudni lejn il-Qalb Qaddisa, offiża u minfuda ghall-imhabba taghna, li jpattu ftit ghall-imhabba tieghu hekk generuża li ghandu ghall-bnedmin, billi jitolbu mahfra ghall-midinbin, ghall-perseveranza tat-tajbin, li jipprattikaw il-virtujiet ta' l-umiltà u tal-karità, jimpenjaw ruhhom li jitqaddsu permezz tat-talb, tas-Sagramenti u tal-prattika tad-devozzjonijiet ewkaristici u marjani"[7].

**5.** Jimpenjaw ruhhom fil-Knisja bhala Membri li jkollhom il-ghan principali tal-hajja taghhom nisranija dak li "jpattu" ghall-offiżi li jsiru lejn il-Qalb Ewkaristika ta' Gesù. Ghalhekk lil kull imsieheb / imsiehba tinghata jum fix-xahar, biex tghixu espressament bl-intenzjoni ta' tpattija billi toffri lil Kristu kull haga: il-hsieb, kull ma taghmel, it-talb fis-skiet, il-hajja tal-familja u ta' dik ma' l-ohrajn, il-hin liberu u x-xoghol, il-ferh, it-tbatijiet, it-tamiet.

Jitghallmu "jpattu" ghall-Imhabba ta' Dak, li tneżża' minn kollox, offra lilu nnifsu, biex ahna nkunu salvi: dan il-hsieb iheggeg l-Ghaqda sakemm tasal biex tifhem il-mod gdid ta' talb u ta' kif taffronta ukoll l-hajja ta' kuljum.

**6.** L-Ghaqda ta' l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù ghandha rapport partikulari ta' ghaqda mal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù illi, skond ir-rieda tal-Fundaturi, ghandha rwol specifiku ta' responsabbiltà.

Migbura fi gruppi u taht il-gwida kollha mhabba tas-Sorijiet Delegati tal-Kongregazzjoni, l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù jxerrdu fid-dinja l-ispirtu haj tal-Progett appostoliku taghhom u fl-istess waqt jaghtu lill-istess Kongregazzjoni il-valuri specifici tal-qaghda tas-sekulari maghha, fir-rispett ta' l-identità u l-awtonomija proprju taghhom.

## III: L-iSpirtu Frangiskan u l-Wirt tal-Qaddejja Ta' Alla Madre Margerita De Brincat

**7.** Madre Margerita De Brincat hija figura ta' importanza kbira fil-gżejjer Maltin, fl-Italja e fid-dinja minhabba l-kariżma eccezzjonali li sal-lum, u kuljum dejjem aktar, hija murija fil-hajja tal-Knisja permezz tax-xhieda u tal-kitbiet li hija halliet, bis-sehem haj u bl- appostolat prezzjuż ta' Uliedha ikkonsagrati.

L-eżempju taghha jispikka bil-qawwa fil-mixja tal-membri ta' l-Assocjazzjoni ta' l-iStitel tal-Qalb ta' Gesù, billi dan ikun ghalihom punt ta' riferiment bla jaqta' u konkret.

**8.** Il-qawwa ta' l-ispiritwalità ta' Madre Margerita, li hija wirtet minn San Frangisk ta' Assisi, l-ideali ta' l-umiltà u tal-faqar, jinsabu fl-imhabba lejn il-Missier f'Gesù Kristu, li offra lilu nnifsu bhala tpattija u sagrificcju ghal dnubietna. Il "ministeru" taghha jikkonsisti fil-qadi ta' dawn li huma l-"imwarrbin".

---

[4] Ara .Kan.301 § 3° u 303.

[5] Ara Kan. 313

[6] Fonti Francescane, 1161

[7] Kienu dawn l-ghanijiet tal-gruppi mwaqqfa minn Olmi, imnebbhin mill-messagg ta' Paray-le-Monial.

Kolonni li jżommu il-bini spiritwali frangiskan tal-Qaddejja ta’ Alla, huma: l-Imhabba, l-Adorazzjoni u r-Riparazzjoni.

Fuq il-passi taghha l-iStilel tal-Qalb ta’ Gesù jibnu l-fidi taghhom fuq id-devozzjoni tal-Qalb Ewkaristika ta’ Gesù, devozzjoni li fiha huma migbura l-aspetti kollha tad-devozzjoni u ta’ l-ispiritwalità kristologika, li wiehed isib fil-Misteri tal-hajja tal-Mulej.

**9.** Il-kontemplazzjoni ta' Gesù Ewkaristija kienet ic-centru dinamiku tal-hajja spiritwali ta’ Madre Margerita. Kienet migbuda bil-qawwa kollha mit-Tabernaklu, hekk li kienet tersaq lejH kull darba li kienet tista’, ta’ spiss, ukoll matul il-lejl: “Sejra quddiem il-prigunier Re”, kienet spiss ittenni.

F’Gesù Ewkaristija kienet tfittex u taf li fiH issib is-serhan u l-ghajxien. L-iStitel tal-Qalb ta’ Gesù ghandhom jixtiequ bil-herqa kollha li jilqghu fit-Tqarbin lil Kristu, ihalluh li jsawwar minnhom strumenti ta’ paci u habbara tal-Vangelu fis-semplicità.

**10.** Madre Margerita, minkejja li kienet twettaq bla mistrieh il-missjoni taghha, qatt ma kienet twarrab il-harsa taghha mill-helu Gharus Imsallab, l-Imghallem ta’ l-Imhabba li permezz tas-sagrificcju Tieghu nnifsu, offra lill-bniedem sehem mill-istess Imhabba. Fil-gabra tat-Tabernaklu Madre Margerita kienet twettaq dik ix-xewqa li tkun fil-presenza u fil-ghaqda li huma proprji ta’ l-Imhabba.

L-iStitel tal-Qalb ta’ Gesù igeddu kuljum fl-Ewkaristija l-miraklu tal-preżenza ta’ Alla maghna. Bis-sehem attiv taghhom fis-Sagrificcju Ewkaristiku, jekk jista’ jkun ta’ kuljum, halli minn din l-ghajn bnina jiksbu il-qawwa u d-dawl halli jkunu jistghu jaghtu xhieda, u jitghallmu t-triq li twassalhom ghandu, hekk jistghu jilqghuh u jpattu ghad-don tieghu ta’ Imhabba fil-hajja ta’ kuljum.

**11.** Meta Madre Margerita kienet titkellem mill-“Qalb Ewkaristika”, kienet tghaqqad bil-hsieb taghha s-Sagrament ta’ l-Ewkarisija u l-Qalb Qaddisa. Fil-progett appostoliku taghha huwa kollu kemm hu muri fil-htiega li jkun hemm ghaqda, armonija u fużjoni ma’ l-Gharus Divin, mill-bżonn kbir li tikber fl-“ghaqda” ma’ Kristu.

Il-membri ta’ l-Ghaqda ta’ l-iStilel tal-Qalb ta’ Gesù, filwaqt li jimxu fuq il-passi tal-Madre Fondatrici, jixhtu l-harsa taghhom fuq il-Qalb Ewkaristika ta’ Gesù u, mixghula min-nar ta’ l-Imhabba vera, jimmaturaw fi qlubhom imhabba li tkun tixraq li tpatti ghal dik ta’ Alla, billi jevangelizzaw lilhom nfushom u lil huthom.

**12.** Mixhuta f’riglejn it-Tabernaklu, teżor li fih tinsab miżmuma l-akbar Imhabba li qatt wiehed jista’ jahseb, Madre Margerita kienet toffri kuljum hajjitha biex tpatti ghal din l-ghotja ta’ Imhabba bla qjies. Fil-Qalb minfuda ta’ Gesù, hija kienet bhal qisha qed tara s-sinjal ta’ żewg realtajiet: min-naha l-imhabba ta’ Kristu lejn il-bnedmin, min-naha l-ohra il-kefrija u d-dnub ta’ l-istess bnedmin. Minn hawn kienet titnissel ix-xewqa tal-Madre li tinheba fil-pjaga tal-Qalb Imqaddsa, mhux biss biex tircievi l-wens, imma fuq kollox biex tpatti, billi tfarrag lil Gesù kif ghamlu l-angli fil-Getzamani.

Ghall-iStilel tal-Qalb ta’ Gesù l-impenn tar-riparazzjoni huwa u ghandu jkun realtà u mhux hsieb storiku. Mill-Fundatrici huma jitghallmu kif ikunu erwieh riparatrici fis-socjetà tal-lum, u li jibqghu jghassu quddiem Gesù, meta d-dinja toffendih, permezz tad-dnub u tal-hażen, li igedded it-tbatija tal-Kalvarju.

**13.** Xehta ohra fondamentali ta' l-ispiritwalità ta' Madre Margerita hija li jkollha sehem, taqsam, "partecipazzjoni", jigifieri x-xewqa li naghmlu taghha l-esperjenza storika ta' Kristu, billi taccetta li timitaH, u flimkien mieghu tkun ghal kollox lesta' li twettaq ir-Rieda tal-Missier, titghallem minn Marija kif twettaq il "fiat" awtentiku taghna ukoll waqt il-provi, bi spirtu ta' fidi u ta' mhabba.

Profondament grati ghall-interventi minghajr qjies, kontinwi u tal-ghageb tal-Providenza u tal-Hniena ta' Alla fil-hajja taghhom, il-membri tal-Ghaqda jaghmlu taghhom it-twissija tal-Madre billi jsiru ostji ckejkna, vittmi offruti ghall-imhabba ta' l-ahwa.

## IV. Appostolat u Kollaborazzjoni

**14.** Fil-progett appostoliku ta' Madre Margerita d-dimensjoni kontemplattiva u riparatrici titkompla ma' dik appostolika: il-gharfien tas-Salib u s-sehem fil-passjoni ta' Gesù permezz ta' l-Ewkaristija, jinghaqdu mal-htiega li tmur fid-dinja biex ixxandar l-Imhabba ta' Alla.

L-iStilel tal-Qalb ta' Gesù jghixu l-vokazzjoni appostolika komuni taghhom mal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù , billi jwasslu kullimkien, fid-dinja, il-herqa u l-htiega li tkun maghrufa l-Imhabba li mhix mahbuba ghax mhix maghrufa. Ghalhekk ghandhom ikunu miftuhin ghall-iStilel tal-Qalb ta' Gesù l-ghamliet kollha ta' l-appostolat ekklesjali.

**15.** Li ticcaqlaq fid-dinja biex iggib mill-gdid kollox lejn Kristu: hija r-ruh kristocentrika li sahhet il-hidma appostolika kollha tal-Madre taghna. Ghaliha kull espressjoni ta' talb u ta' kull gest lejn l-ahwa kien il-mod ta' kif thallas ghall-Imhabba ta'Gesù, biex tpatti ghall-offiżi li jircievi, biex troddlu hajr u biex tevangelizza.

Filwaqt li wiehed jitlaq minn din l-esperjenza personali ta' l-Imhabba ta' Kristu, kull Stilla tal-Qalb ta' Gesù trid tfittex l-ahjar triq, filwaqt li taghraf u taccetta, halli xxerred fost l-ahwa, billi tibda minn dawk li huma l-aktar qrib taghna, il-Verb li jaghti l-hajja.

**16.** L-imhabba lejn Alla u lejn il-proxxmu titlob minn kull wiehed jew wahda l-eżercizzju bla jaqta', li jinsab fl-okkażżjonijiet ckejkna ta' kuljum. Jitghallmu jaghmlu minnhom infushom don li jpatti ghad-don ta' Alla u, fl-istess hin, l-imhabba moghtija mill-ahwa.

Fil-konkret dan jitlob minn kulhadd disponibbiltà, atteggjament ta' smigh biex ikun hemm id-djalogu, kollaborazzjoni bla xkiel, fedeltà generuża ghall-missjoni.

**17.** Il-vokazzjoni komuni u l-appartenenza ghall-istess Assoccjazzjoni jaghmlu l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù ahwa spiritwali.

Ilkoll jaqsmu bil-ferh mill-hajja familjari ta' l-Assocjazzjoni billi jaghrfu lil xulxin, jaqsmu l- esperjenzi u l-progetti apostolici, jikbru flimkien fl-ghaqda ta' bejniethom.

Jghinu ukoll lil xulxin billi jaqsmu flimkien id-doni spiritwali, specjalment it-talb. Jibqghu maghqudin ma' l-ahwa, irgiel u nisa mejtin, jitolbu ghalihom u jkomplu jwettqu bil-fedeltà ix-xoghol taghhom.

**18.** Kull Stilla tal-Qalb ta' Gesù ghandha tkun responsabbli mill-missjoni komuni, u twettaqha skond il-kapacità u l-possibbiltà taghha. Ghalhekk tiehu sehem bi spirtu ta' inizzjattiva ghall-laqghat li jkunu ipprogrammati, ghat-twettieq u u r-riżultat tad-diversi hidmiet, u fil-ghażla

ta' dawk li jmexxu.

L-inkarigi li jinghataw f'kull livell ghandhom jitwettqu skond il-principji ta' kull ghaqda, b'sens ta'responsabbiltà, u bhala servizz lejn l-ahwa.

Fis-sitwazzjonijiet u fl-impenji differenti fost: - żaghzagh, kbar, anzjani; miżżewgin u mhumiex - kull Membru jaghti lill-Ghaqda s-sehem specifiku u siewi tieghu.

**19.** Is-sens ta' appartenenza u ta' korresponsabbiltà jinfirex ukoll fuq il-pjan materjali u ekonomiku.

L-iStilel tal-Qalb ta' Gesù jghinu b'mod liberu il-grupp / l-Ghaqda: (offerti ta' flus, kollaborazzjoni minn rajhom f'xi wahda mill-attivitajiet jew aktar, ecc…). Kull Grupp, permezz tas-Superjura Provincjali jew Regjonali, tibghat ukoll offerti b'mod liberu lis-Superjura Generali ghall-bżonnijiet l-aktar urgenti fl-impenn appostoliku tal-Kongregazzjoni.

**20.** Is-Superjura Generali tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù, billi hija s-successura tal-Madre Fundatrici, hija wkoll is-Superjura tal-Ghaqda u ghalhekk taqdi l-funzjoni ta' l-ghola Moderatrici. Tiżgura fedeltà lejn il-progett mibdi mill-fundaturi u thabbrek li tkattru. Bil-kollaborazzjoni tas-Superjuri Provincjali u Regjonali, thabbrek li issahhah l-ghaqda interna bejn il-ferghat.

Fit-twettiq tal-ministeru taghha tinqeda bl-esperjenza taghha mondjali miksuba dwar il-hidma ta' dawn l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù, biex fuq kollox theggeg l-Ghaqda kollha kemm hi, u l-hidmiet formattivi u appostolici taghha.

L-Ghaqda ta' l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù ghandha fil-Kongregazzjoni rabta ta' ghaqda żgura u stabbli. Hija fehma shiha ta' l-imsehbin kollha li jharsu u jiżviluppaw ir-rapporti li jorbtuhom maghha. B'mod partikulari juru lejn is-Superjura Generali sentimenti ta' imhabba sinciera u ta' fedeltà lejn it-tmexxija taghha.

## V. Shubija u Formazzjoni

**21.** Biex wiehed jissieheb u jhabbrek li jkunu "Stilla tal-Qalb ta' Gesù" jitlob minnu li jaghmel ghażla hielsa u rieda tajba li jikber u jkabbar fih il-Fidi u s-Sewwa, fid-dawl tal-Vangelu, taht il-gwida mdawwla ta' San Frangisk u tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat u fi spirtu ta' kooperazjoni mal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù.

Din l-ghażla ghandha tigi mmaturata bil-mod il-mod taht l-azzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu u, ghal din ir-raguni, dak jew dik li taghzel li tissieheb fl-Ghaqda, tilqa' l-programm ta' thejjija xierqa li jigbor fih dan: talb, taghrif dwar is-sejha nisranija, studju u riflessjoni fuq il-hajja u l-ispiritwalità ta' Madre Margerita, tilqa' dan l-iStatut, u li tiehu sehem fil-hajja u fil-hidma ta' xi wiehed mill-gruppi tal-Ghaqda.

**22.** L-aspiranta Stilla tal-Qalb ta' Gesù taghmel talba bil-miktub lir-Responsabbli tal-Grupp li trid taghmel parti minnu.

Is-shubija ufficcjali fl-Ghaqda ssir bil-"weghda", li permezz taghha turi r-rieda li l-iskop principali fil-hajja nisranija taghha huwa li tpatti ghall-offiżi li tircievi il-Qalb Ewkaristika ta' Gesù skond kif jitlob dan l-iStatut.

**23.** Il-formazzjoni**,** partikularment intensa fil-perijodu tal-bidu, tissokta wkoll wara d-

dhul, halli b'hekk mal-bidu fl-imgieba personali u ta' l-ambjent, ir-rieda li tintwera fil-waqt tad-dhul fl-Ghaqda tkun il-hin kollu ippruvata u konfermata b'mod responsabbli.

**24.** Filwaqt li jafu l-bżonn ta' din il-formazzjoni permanenti, l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù:

Jiżviluppaw il-kapacitajiet umani taghhom, biex hekk ikunu jistghu jaqdu dejjem ahjar ir-responsabbiltajiet taghhom familjari, professjonali u civili;

Jissodaw fil-Fidi, fit-Tama u fl-Imhabba, billi jsahhu l-ghaqda ma' Gesù Ewkaristija biex jaghmlu li l-hajja taghhom ta' kuljum, tkun aktar taqbel ma' dik tal-Vangelu;

Jiddedikaw żmien ghat-talb, ghar-riflessjoni u ghall-istudju, mod specjali fil-jum li fih iridu jaghmlu r-riparazzjoni, biex ikunu jafu ahjar l-Iskrittura Mqaddsa, id-duttrina tal-Knisja u jsiru jafu aktar dwar Madre Margerita.

**25.** Kull imsieheb jew imsiehba huma l-ewlenin u r-responsabbli principali tal-formazzjoni taghhom stess. Jafu li din titlob dispożizzjoni shiha ghar-rieda ta' Alla u ghalhekk ghandha tinghata l-importanza li jisthoqqilha l-hajja ta' talb u d-direzzjoni spiritwali.

Fil-hajja taghhom ta' kuljum l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù jmantnu l-formazzjoni personali taghhom permezz tal-Mejda tal-Kelma ta' Alla u ta' l-Ewkaristija, billi japprofondixxu l-identità tal-vokazzjoni taghhom ta' lajci fi hdan il-Knisja u fid-dinja, jaghmlu taghhom l-ispiritwalità frangiskana u jiksbu l-hegga spiritwali mill-kitbiet ta' Madre Margerita.

F'din il-prospettiva jiksbu l-qawwa biex jiddedikaw kull xahar ftit hin ghall-Adorazzjoni Ewkaristika, li jitolbu ghall-vokazzjonijiet sacerdotali u religjużi, li jiehdu sehem fil-hidmiet appostolici tal-Kongregazzjoni, b'mod partikulari bit-talb, u li jgeddu darba fis-sena il-konsagrazzjoni taghhom lill-Qalb ta' Gesù.

**26.** Min-naha taghha l-Assocjazzjoni tghin u tipprovdi l-mezzi, fuq livell lokali, ghall-formazzjoni personali u tal-grupp tal-membri taghha, permezz tas-sehem ta' Membri imharrgin, li jahdmu id f'id b'sens ta' responsabbiltà reciproka mad-Delegata tal-Kongregazzjoni u l-Assistent Spiritwali tal-Grupp.

Partikularment formattivi huma l-laqghat li jsiru almenu darba fix-xahar, f'jum li jkun gie miftiehem minn kull Grupp, u skond il-htigijiet tieghu.

Dawn il-laqghat, mghejxa bi spirtu ta' komunjoni u fratellanza awtentika, ghandhom jimmiraw principalment li jkunu jafu aktar u ahjar dwar il-kariżma ta' Madre Margerita, permezz tal-kitbiet u ta' l-eżempji taghha, li jkattru fl-imsehbin ix-xewqa u l-kapacità li jhobbu u li jaghmlu li Gesù jkun mahbub, b'kuxjenza aktar matura u b'fidi kuljum aktar mhegga, f'kull sitwazzjoni u waqt ta' hajjithom.

Dawn il-laqghat huma wkoll mumenti qawwija ta' dixxerniment, ta' qsim, ta' partecipazzjoni ta' kull Membru ta' l-esperjenza proprja ta' riparazzjoni li jkun wettaq, bl-iskop li wiehed ikabbar il-formazzjoni tieghu spiritwali.

B'mod partikulari jinghata hin ghat-talb: is-soltu jiehdu sehem fil-Quddiesa jew fir-Recita ta' l-Ghasar, jew inkella ssir l-Adorazzjoni Ewkaristika.

**27.** Inizzjattivi ohra partikularment formattivi huma:

il-kuntatti ta' spiss mal-Komunitajiet tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù u s-sacerdoti li huma qrib ta' l-Assocjazzjoni:

il-qari personali tal-kitbiet ta' Madre Margerita jew dwarhom, u ta' kitba ohra tal-

Kongregazzjoni, fosthom il-Bullettin "*Laetitia*".

L-organizzazjoni min-naha tal-Grupp ta' laqghat spiritwali, irtiri ta' *Week-End*, giti u viżti gwidati, mumenti partikulari ta' flimkien, ta' talb u ta' studju fl-okkażżjonijiet ta' festi u tifkiriet religjużi.

**28.** Li tkun Stilla tal-Qalb ta' Gesù jitlob impenn li jtul hajtek kollha, Il-fedeltà ma hijiex xi haga tal-mument, imma tinbena jum wara l-iehor u ma tintemm qatt. Il-fedeltà titlob formazzjoni kontinwa tieghek innifsek biex hekk tirbah l-isfida tal-gdid li jippreżenta ruhu kuljum. Filwaqt li jghassu ghall-grajjiet li kuljum jinbidlu, l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù, dejjem jafu kif jaddattaw ruhhom b'kuragg u b'sens profond li lesti jaghtu xhieda u s-sehem appostoliku taghhom.

Il-fedeltà ta' kulhadd, imbaghad, ghandha l-appogg, l-imhabba u s-solidarjetà ta' l-ahwa l-ohra irgiel u nisa tal-Grupp u tas-Sorijiet tal-Kongregazzjoni.

**29.** Is-shubija personali fl-Assocjazzjoni tista' tintemm wara d-deċiżjoni mehuda b'mod matur u responsabbli tal-Kunsill lokali ta' l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù, kif ukoll b'att ta' deċiżjoni mehud mill-Kunsill Provincjali jew Regjonali, mehud bi spirtu ta' karità, b'mod trasparenti u msahhah bix-xhieda li dak li jkun ma jkunx qed jghix il-hajja skond l-ghanijiet u l-impenji fondamentali, li hemm f'dan l-iStatut.

**30.** Il-weghda tigi maghmula f'idejn is-Superjura Generali jew Provincjali jew Regjonali tal-Kongregazzjoni jew f'idejn Soru delegata taghhom.

Fit-tmiem ta' din il-weghda jircievu c-certifikat li huma membri ta' l-Assocjazzjoni ta' l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù.

Il-formula tal-weghda, imnebbha mit-talba ta' konsagrazzjoni tal-Qalb ta' Gesù, hija din:

"O Gesù l-aktar helu, Feddej tal-bnedmin,
Itfa' l-harsa hanina tieghek fuq dan ibnek (bintek)
Li umilment mixhut (mixhuta) quddiem l-altar tieghek.
Inti diga' ikkonsagrajt lili nnifsi fil-jum tal-Maghmudija
tieghi.
Filwaqt li nwiegeb bi gratitudni ghas-sejha tieghek biex nghix aktar maghqud (maghquda) mieghek,
illum jien, (*Isem u Kunjom*),
nikkonsagra lili nnifsi lill-Qalb Qaddisa Teghek u, bil-
libertà shiha,
niehu bhala l-ghan ewlieni tal-hajja nisranija tieghi
ir-riparazzjoni ghall-offiżi li jsiru lill-Qalb Ewkaristika ta'
Gesù,
u dan skond il-kariżma u l-eżempji tal-Qaddejja ta' Alla,
Madre Margerita De Brincat.
Ghalhekk, wara li hejjejt ruhi kif jixraq,

INWIEGHED
Li naghmel hilti kollha biex nghix il-progett evangeliku tal-Ghaqda ta' l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù, jigifieri:
li niehu sehem fil-missjoni tal-Knisja, b'ghaqda fraterna mal-

Kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta’ Gesù;
li nkun fid-dinja xhieda ta’ l-imhabba ta’ Alla u li nxerred id-devozzjoni lejn il-Qalb Ewkaristika ta' Gesù:
li nidhol aktar fil-fond fl-gharfien tal-kariżma ta’ Madre Margerita u, bhalha, nitghallem inhobb u naghmel li jkun mahbub Gesù f’kull sitwazzjoni u qaghda ta’ hajja;
li nkun fis-socjetà tal-lum ruh riparatrici, billi nishar quddiem Gesù fl-Ewkaristija, meta d-dinja permezz tad-dnub, iggeddidlu it-tbatija tal-Kalvarju, u naghmel li nkun bhal “ostja ckejkna, vittima offruta ghall-imhabba ta’ huti”.

O Gesù l-aktar twajjeb, il-qawwa ta’ l-Ispirtu Tieghek,
l-intercessjoni tal-Vergni Marija, “l-imsiehba generuża” fis-Sagrificcju tas-Salib,
it-tmexxija tas-Sorijiet,
is-solidarjetà ta’ l-ahwa rgiel u nisa,
iharsuni kuljum u jghinuni
biex nibqa’ dejjem fidil (fidila) ghal dan l-impenn ta’ hajti.
Amen.

## VI. Organiżżazzjoni Generali

### 1. ***STRUTTURI***

**31.** Biex is-shubija u l-kollaborazzjoni jkunu aktar effikaci, l-Ghaqda ta’ l-iStilel tal-Qalb ta’ Gesù, ghandha organizzazzjoni flessibbli, u tista’ tigi addattata skond is-sitwazzjonijiet tal-post u dawk tal-Knisja.

Il-Grupp lokali hu dak li fir-realtà jsawwar il-ghaqda, li jigbor flimkien l-iStilel tal-Qalb ta’ Gesù tal-post. Imwaqqaf qrib Komunità tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta’ Gesù, ifassal u jwettaq lokalment il-hidmiet tieghu.

**32.** Il-Gruppi jorganizzaw ruhhom, meta dan hu possibli, fuq pjan provincjali u regjonali, mibnija fuq ir-realtà strutturali tal-Kongregazzjoni b’tali mod li jkunu jistghu jiżviluppaw u jahdmu b’mod aktar miftuh u konkret.

Is-Superjura Provincjali u Regjonali ghalhekk, f’ghaqda shiha mas-Superjura Generali tal-Kongregazzjoni, filwaqt li tissieheb fil-ministeru taghha, ghandha r-responsabbiltà partikulari li theggeg, tmexxi u tkattar il-membri, skond kif hawn miktub f’dan l-iStatut.

**33.** L-Assocjazzjoni**,** kemm fuq livell lokali, kif ukoll fuq livell provincjali jew regjonali, hija immexxija flimkien mal-Kunsill Provincjali jew Regjonali.

Il-Kunsill lokali huwa maghmul mill-Membri maghzula mill-Grupp ta’ l-iStilel tal-Qalb ta’Gesù. Hu maghmul almenu minn hames jew seba’ Kunsillieri, li jaghzlu minn fosthom il-Koordinatur propju taghhom, is-Segretarju (Segretarja) u l-Amministratur (Amministatrici). Minnu taghmel ukoll parti, bi dritt, id-Delegata lokali tal-Kongregazzjoni, li taghmilha ta’ Assistenta.

Il-Kunsill Provincjali, u kif ukoll dak Regjonali, hu maghmul mill-Membri eletti mill-

Kunsillieri tal-Gruppi lokali preżenti fil-Provincja jew fir-Regjuni. Hu maghmul minn numru xieraq ta’ Kunsillieri – minn sebgha sa disa’ -, li jaghzlu l-Koordinatur (Koordinatrici), is-Segretarju (Segretarja) u l-Amministratur (Amministatrici) taghhom. Minnu taghmel parti ukoll bi dritt, id-Delegata provincjali jew regjonali tal-Kongregazzjoni fil-kwalità taghha ta’ Assistenta. Barra minn hekk, jekk jinhass il-bżonn, is-Superjura Generali tista’ ssejjah biex tiehu sehem xi Delegati lokali bhala esperti.

Imiss lis-Superjura Generali li tiffissa kull darba in-numru tal-Kunsillieri li jridu jintaghzlu.

**34.** Ghall-validità ta’ l-Atti Kolleggjali, li ma mhumiex dawk ta’ l-elezzjonijiet, jehtiegu l-preżenza tal-bicca l-kbira ta’ dawk li jkunu gew imsejha. Ghandu qawwa ta’ dritt dak li jintghogob lill-magguranza assoluta ta’ dawk li huma preżenti. Jekk wara żewg skrutinji, l-voti jibqghu indaqs, il-Koordinatur (Kordinatrici) tistà tiddeciedi billi terga’ taghti l-vot taghha[8].

## 2. *L-ELEZZJONIJIET*

**35.** Fl-Assocjazzjoni ta’ l-Istilel tal-Qalb ta’ Gesù, l-elezzjonijiet jigu maghmula skond kif jitlob dan l-iStatut u, fejn dan ma jghid xejn, ikunu jghoddu l-ligijiet Universali tal-Knisja[9].

Kull elezzjoni titlob il-preżenza jew is-sehem tal-bicca l-kbira tal-membri tal-Ghaqda li ghandhom vuci attiva. Il-magguranza assoluta titqies fuq in-numru ta’ dawk preżenti u li ghandhom id-dritt: nofs il-voti u wiehed fil-każ ta' żewg kandidati li jkunu ndaqs, u nofs il-voti u l-bqija f'każ ta' numru bil-fart. Il-magguranza relativa titqies bin-numru ta’ min igib l-aktar voti.

F’kull każ isiru tliet turni ta' votatazzjonijiet bi scrutinju sigriet: l-ewwel tnejn b'magguranza assoluta, it-tielet b’magguranza relattiva.

**36.** L-elezzjonijiet fuq livelli differenti, jitmexxew mid-Delegata tal-Kongregazzjoni li, fil-każ, ikollha wkoll dritt ghall-vot. Imiss lilha li tinnomina l-iskrutattrici.

L-elezzjoni tkun valida biss jekk in-numru ta’ l-iskedi huwa daqs jew inqas minn numru tal-votanti preżenti li ghandhom vuci attiva. Jekk in-numru jkun aktar, l-elezzjoni ma tiswiex.

L-iskeda ghall-elezzjoni ta’ aktar minn persuna wahda, biex din tkun valida trid iggib numru ta’ ismijiet li jkun daqs jew inqas minn numru ta’ dawk li jistghu jigu maghzula. F’kull votazzjoni, dan in-numru jitnaqqas skond in-numri ta’ dawk li jkunu digà gew eletti.

---

[8] Kan. 119,2°

[9] Kan. 119 –“Dwar dak li ghandu x’jaqsam ma’ l-Atti Kolleggjali, sakemm ma jkunx deciż mod iehor mid-Dritt jew mill-iStatuti:
1° jekk dan ghandu x’jaqsam ma’ l-elezzjonijiet, ghandu l-forza ta’ ligi dak li, filwaqt li jkunu preżenti l-parti kbira ta’ dawk li gew imsejhin, dak li jkun ghogob lill-magguranza assoluta ta’ dawk preżenti; wara żewg skrutinji li jkunu saru ghal xejn, il-votazzjoni tikkoncentra fuq iż-żewg kandidati li jkunu gabu l-bicca kbira tal-voti, jew, jekk dawn ikunu hafna, fuq dawk li huma l-aktar anzjani fiż-żmien; wara it-tielet skrutinju, jekk jibqghu indaqs, jigi elett dak li huwa l-aktar anzjan fiż-żmien.

**37.** Fl-elezzjonijiet tal-Kunsillieri, li jsir fi skeda wahda, jitqies legittimament elett min ikun gieb il-voti tal-maggoranza assoluta ta' dawk preżenti fl-ewwel jew fit-tieni skrutinju.

Jekk wara it-tieni skrutinju ma jkunux eletti l-Kunsillieri kollha, jsir it-tielet skrutinju, li ghalih jigi muri fuq skeda in-numru ta' ismijiet indaqs jew anqas ta' dawk li jridu jigu maghzula. Jitqiesu bhala eletti dawk li jkunu gabu l-magguranza relattiva tal-voti.

Jekk f'xi skrutinju il-kandidati kollha jkunu gabu l-istess numru ta' voti, din il-votazzjoni ma tkunx tghodd, jekk l-eletturi kollha huma fost dawk li jridu jigu maghzula. F'każ kuntrarju [jigifieri li ma jkunx hemm l-ismijiet ta' kulhadd] jigi miqjus elett dak li jkun ilu l-aktar li ghamel il-Weghda jew, jekk ikunu ta' l-istess data li fiha jkunu ghamlu l-Weghda, ikun elett dak li hu l-aktar anzjan fiż-żmien.

**38.** L-elezzjoni tal-Koordinatur, tas-Segretarju u ta' l-Ammnistratur issir b'votazzjoni separata.

Ikun legittament elett Koordinatur, Segretarju u Amministratur, dak il-Kunsillier li fil-votazzjoni tieghu ikun gab il-magguranza assoluta tal-voti ta' dawk preżenti. Jekk fl-ewwel żewg skrutinji hadd ma jkun gab il-magguranza assoluta ta' dawk preżenti, isir it-tielet u l-ahhar skrutinju li fih ghandhom vuci attiva biss ż-żewg Kunsillieri li fit-tieni skrutinju ikunu gabu l-aktar numru ta' voti jew, jekk ikunu aktar, iż-żewg Kunsillieri l-aktar anzjani fil-Weghda jew, jekk ikunu l-istess data li fiha ghamlu l-Weghda, it-tnejn l-aktar anzjani fiż-żmien.

Jekk fit-tielet skrutinju jergghu jgibu l-istess numru ta' voti, ikun elett dak il-Kunsillier l-aktar anzjan fil-Weghda , jew, jekk ghamlu l-Weghda fl-istess gurnata, dak l-aktar anzjan fiż-żmien.

## 3. *ID-DMIRIJIET*

**39.** Id-dmirijiet principali tal-Kunsill lokali huma:

li jigi żgurat, bi ftiehem mad-Delegata Provincjali jew Regjonali, il-funzjonament tal-Grupp skond l-iskopijiet ta' l-Assocjazzjoni;

li jheggeg u jorganizza l-programm formattiv u appostoliku tal-Grupp;

ihares li jinżammu r-rabtiet ta' ghaqda mal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù;

li jiddeciedi dwar meta ghandhom isiru l-laqghat, l-assemblej u l-kungressi.

**40.** Imissu iżda lill-Koordinatur tal-Kunsill lokali dawn id-dmirijiet:

jorganizza il-laqghat, imexxihom, jorganizza x-xoghol, jaghmel mod li jitwettqu d-deciżjonijiet li jkunu ttiehdu;

jgharraf lill-awtorità Superjuri dwar il-hajja u l-hidma tal-Grupp;

jirrapre\enta l-Grupp;

iżomm komunikazzjoni, f'isem il-Kunsill, mal-ghaqdiet tal-lajci fi hdan il-Knisja u mal-Gruppi tal-Ghaqda;

jiehu d-deciżjonijiet f'każ ta' urgenza, f'dik li hu kompetenza tal-Kunsill li jiddeciedi, imbaghad jaghti taghrif ta' dak li jkun sar.

**41.** Huwa dmir ukoll tal-Kunsill lokali li jissieheb fil-mixja ta' l-aspiranti Stilel tal-Qalb ta' Gesù, fil-formazzjoni; jaghti l-parir tieghu dwar l-accettazzjoni taghhom, li trid tkun konvalidata mill-Kunsill Provincjali u Regjonali.

**42.** Id-dimirijiet principali tal-Kunsill provincjali u/jew Regjonali huma:
li jigi żgurat, f'ghaqda mas-Superjura Generali, il-funzjonament tal-Gruppi mwaqqfa f'kull Provincja u Regjun tal-Kongregazzjoni, fi qbil ma' l-iskopijiet ta' l-Assocjazzjoni;
li jheggu u li jorganizzaw l-inizzjattivi dwar il-formattivi u l-hidmiet appostolici;
li tithares ir-rabta ta' ghaqda mal-Kongregazzjoni;
li tiddeciedi meta ghandhom isiru l-laqghat, l-assemblej u l-kungressi fuq livell provincjali jew regjonali.

**43.** Imiss imma lill-Koordinatur tal-Kunsill Provincjali jew Regjonali dawn id-dmirijiet:
li ssejjah il-laqghat, l-assemblej u l-kungressi, li tmexxihom, torganizza ix-xoghol, thabbrek li jitwettqu d-deciżjonijiet li jkunu ttiehdu;
jirrappresenta l-Ghaqda fil-livell provincjali jew regjonali;
li jinżammu rapporti, f'isem il-Kunsill, mal-ghaqdiet fi hdan il-Knisja u li jinsabu fil-Provincji jew fir-Regjun;
li jiehu deciżjonijiet f'każ ta' urgenza, f'dak li huwa ta' kompetenza tal-Kunsill li jiddeciedi, imbaghad jaghti taghrif ta' dak li jkun sar.

**44**. Huwa kompetenza wkoll tal-Kunsill Provincjali jew Regjonali , permezz ta' digriet iffirmat mill-Koordinatur, u b'kunsens minn qabel tas-Superjura Provincjali jew Regjonali, it-twaqqif tal-Gruppi ta' Stilel tal-Qalb ta' Gesù, f'xi wahda mill-komunitajiet tal-Kongregazzjoni.

**45.** Kull Grupp u kull ghaqda ta' gruppi fil-Provincja jew Regjun, ghandu ikollhom Soru Delegata tal-Kongregazzjoni, bhala animatrici spiritwali[10]. Din hi responsabbli fuq kollox tal-formazzjoni taghhom skond l-ispirtu frangiskan u l-wirt spiritwali ta' Madre Margerita De Brincat.

Id-Delegata hija maghzula mis-Superjura Provincjali u Regjonali, wara li tkun semghet il-parir tal-membri tal-Kunsill rispettiv ta' l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù, filwaqt li jitqiesu l-htigijiet preżenti tal-Gruppi. Skond dan l-iStatut, id-Delegata taghmel parti bi dritt mill-Kunsill.

**46.** Il-Konsulta dinjija – li hija l-Organiżmu Kolleggjali l-aktar gholi li permezz tieghu is-Superjura Generali tinqeda biex theggeg l-Ghaqda ta' l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù – hija maghmula minn tant membri daqs kemm huma l-Provincji u r-Regjuni tal-Kongregazzjoni u minn hames membri maghzula mis-Superjura Generali. Imiss lilha li taghzel minn fosthom il-Koordinatur Generali.

Ir-rappreżentant ta' kull Provincja jew Regjun jigi maghzul mill-Koordinatur tal-Kunsill rispettiv tieghu, wara li jkun ittiehet il-parir tas-Superjura Provincjali jew Regjonali.

Il-membri tal-Konsulta dinjija idumu fil-kariga taghhom sebgha snin u ma jistghux jergghu jigu mgeddin.

---

[10] Ara Kan, 317§2 tal-Kodici tad-Dritt Kanoniku

**47.** Imiss lill-Konsulta dinjija, bi qbil mas-Superjura Generali, li taghzel is-suggett, il-post u lil dawk li jkunu ser jiehdu sehem, f'dawn il-kongressi dinjija, jew ghal-laqghat internazzjonali u li tiehu hsieb torganizzahom.

Id-direttivi tal-Konsulta dinjija jidhlu fis-sehh wara l-approvazzjoni tas-Superjura Generali, Moderatur Suprem ta' l-Ghaqda.

Biex din il-Konsulta tkun tista' tahdem ahjar, jista' jkollha Segretarja centrali, maghzula mill-Koordinatur Generali, wara li tkun semghet il-parir tas-Superjura Generali.

## 4. *L-AMMINISTRAZZJONI*

**48.** L-Assocjazzjoni ta' l-iStitel tal-Qalb ta' Gesù, billi hi persuna guridika ekklesjastika pubblika, [ghaqda pubblika li taqa' taht is-setgha tal-Knisja] ghandha l-kapacita li takkwista, iżżomm, tamministra, u tiddisponi minn beni temporali skond kif jitlob id-dritt kanoniku[11]. Il-beni kollha tal-Ghaqda, bhala tali, huma beni tal-Knisja, amministrati skond mid-dritt universali u dan l-iStatut[12].

**49.** L-amministrazzjoni tal-beni tal-Ghaqda fuq livell dinji imiss lill-Konsulta dinjija. Imiss lilha li taghti lill-Kunsilli lokali, provincjali u regjonali, wara li jkollha l-approvazzjoni tas-Superjura Generali tal-Kongregazzjoni, il-permessi mitluba mil-ligi kanonika fejn jidhlu atti ta' Amministrazzjoni straordinarja, u biex tiddisponi minn dak li ghalih mhux mehtieg il-permess tas-Sede Appostolika[13].

Biex tigi stabbilita ix-xorta ta' l-atti li jidhlu fl-amministrazzjoni straordinarja, hemm bżonn li wiehed joqghod ghal dak li jghidu l-Konferenzi Episkopali[14].

**50.** Fuq livelli differenti, l-amministrazzjoni ordinarja tal-beni, li jitmexxew u li huma taht il-kontroll tal-Kunsill, huma fil-hsieb tal-Kunsillier maghzul bhala Amministratur. Imiss ukoll lilu li kull sena jippreżenta ir-rendikont finanzjarju biex jigi approvata mill-Kunsill tieghu biex dan jigi mbaghad ippreżentat lill-Kunsill fuq livell Superjuri.

---

[11] .Kan. 1255: "Il-Knisja universali u s-Sede Appostolika, il-Knejjes partikulari u dawk il-persuni guridici, kemm pubblici u kif ukoll privati, jistghu jiksbu, ikollhom, jamministraw u jiddisponu mill-beni temporali skond kif jitlob id-dritt kanoniku.

Kan 1257§1: "Il-beni temporali kollha li huma tal- Knisja Universali, tas-Sede Appostolika u ta' persuni guridici ohra pubblici fil-Knisja, huma beni ekklesjastici u huma immexxijin mill-kanoni li gejjien, jew inkella mill-iStatuti propriji.

[13] Dawk l-atti biex wiehed jiddisponi minn proprjetà u li ghalihom hemm il-htiega tal-permess tas-Sede Appostolika huma mniżżla fil-Kan. 1292 § 2: B'danakollu billi hawn qed jinghad dwar beni li l-valur taghhom hu akbar mis-somma maxima stabbilita, jew ta' ex-vot li gie moghti lill-Knisja jew ta' oggetti prezzjużi ta' valur artistiku jew storiku, biex l-att ikun validu, hemm bżonn ukoll il-permess tas-Sede Appostolika.

[14] Ara Kann. 1277 u 1292 § 1.

***Gheluq***

L-Assocjazzjoni ta' l-iStilel tal-Qalb ta' Gesù hija rigal ta' Madre Margerita De Brincat lill-insara li, grati ghall-Qalb ta' Gesù, offiż u minfud ghall-imhabba taghna, migbudin mill-Qalb Ewkaristika Tieghu, huma mkebbsa mix-xewqa li jpattu u li jheggu l-Imhabba li mhix mahbuba.

Il-ghażla ta' dan l-iStatut ta' hajja appostolika, hija wahda proprja ta' kif titwettaq is-sejha nisranija, filwaqt li timxi fit-triq tal-qdusija li digà ghaddiet minnha l-Fundatrici taghna fl-umiltà u l-karità  frangiskana.

Il-Mulej iseddaq bil-kotra tal-grazzji tieghu lil dawk  kollha li, huma lesti li jilqghu din is-sejha divina, fil-Knisja u fid-dinja, u li fid-dinja huma lesti li jaqsmu mill-ispiritwalità u mill-progett appostoliku tas-Sorijiet Frangiskani tal-Qalb ta' Gesù.

## INDIĊI ĠENERALI


Paġna

DIGRIET ORIĠINALI ..................................................... 3

DIGRIET BIL-MALTI 4

PREŻENTAZZJONI .......................................................... 5

STATUT ................................................................................ 7

I Identità u Missjoni ................................................... 7

II Finalità u Għanijiet .................................................. 8

III L-iSpirtu Franġiskan u l-Wirt tal-Qaddejja Ta' Alla
Madre Margerita De Brincat .................................. 10

IV Appostolat u Kollaborazzjoni ................................ 12

V Sħubija u Formazzjoni ............................................ 15

VI Organiżżazzjoni Ġenerali .......................................

1 *STRUTTURI* ............................................ 19

2 *L-ELEZZJONIJIET* .................................. 21

3 *ID-DMIRIJIET* ......................................... 23

4 *L-AMMINISTRAZZJONI* ......................... 26

Għeluq 27